# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMP. NRU. 455/2021: IL-PULIZIJA (SPETTUR COLIN SHELDON) V. KURT AMATO (KI. 44797M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**31 ta' Lulju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Kurt Amato ta' 24 sena, iben Kevin u Clare xebba Ciantar, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Jannar 1997, residenti San Ġwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 44797M (imsejjaħ "l-imputat") li tressaq b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja nhar l-14 ta' Diċembru 2021 u ġie mixli li nhar l-10 ta' Jannar 2020 għal ħabta tas-18.00 hrs u ħinijiet qabel, ġewwa Triq Ġorg Borg Olivier, Sliema u f'dawn il-gżejjer:

**'1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras hekk kif ċertifikat minn Dr. Agnes Portelli MD Reg. No. 2863 mid-Dipartiment tal-Emerġenza ġewwa Sptar Mater Dei u liema ferita kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-istess Perrie Daniel Amarni Sciberras u dan bi ksur ta' Art. 216(1)(a)(ii) u Art. 218(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2. U Aktar talli tali reat kien motivat, għal kollox jew b'mod parzjali b'mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni, fuq bażi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin u dan bi ksur ta' Art. 83B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti mitluba titratta lil Kurt Amato bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.'**

wara li rat illi rat li fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2021, meta sar l-eżami tiegħu skond il-liġi l-imputat wieġeb li m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih[1],

wara li rat li fl-istess seduta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja diversement presjeduta għalqet il-kumpilazzjoni tal-provi miġjuba quddiemha kontra l-imputat, ddeċidiet li hemm raġunijiet biżżejjed biex jitqiegħed taħt att t'akkuża u għalhekk bagħtitu biex joqgħod taħt dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti u ordnat illi l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien mogħti mill-liġi[2],

wara li rat li l-kawża ġiet assenjata lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Maġistrat sottoskritt bis-saħħa tal-ordni tal-STO Prim Imħallef tas-7 ta' Frar 2022[3]

wara li rat illi kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-Difiża ddikjaraw fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2022 li kienu qed jeżentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda mill-ġdid[4],

wara li rat ir-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Diċembru 2022 permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti fuq il-bażi tal-artikoli tal-liġi minnha ċitati[5],

wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2023 l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u għalhekk din il-Qorti kif presjeduta saret kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża bħala Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-Art. 370(3)(c) tal-Kap. 9[6],

wara li semgħet ix-xhieda, qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti u fliet id-dokumenti li ġew ippreżentati,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula bil-fomm:

- għan-nom tal-Prosekuzzjoni mill-Ispettur Colin Sheldon
- għan-nom tal-*parte offiża* mill-Avukat Dr. Wilfred Buttigieg, u
- għan-nom tal-imputat mill-Avukat Dr. Alfred Abela,

qed tagħti din is-

---

[1] Fol 19
[2] Fol 73
[3] Fol 77
[4] Fol 81
[5] Fol 176-177
[6] Fol 189

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2021 meta dakinhar wieġeb li m'huwiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u dan wara li sarlu l-eżami skond il-liġi.

2. Fl-istess seduta l-istess Qorti għalqet il-kumpilazzjoni wara li ddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt Att t'Akkuża u ordnat li l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien stipulat[7].

3. Minn dakinhar l-atti bdew jintbagħtu lura mill-Avukat Ġenerali lill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja sabiex tisma' xhieda oħra u din min-naħa tagħha kienet perjodikament skond il-liġi tirrinvija l-atti lura lill-Avukat Ġenerali wara li tkun għamlet jew ma' tkunx għamlet dak li jkun talabha l-istess fin-nota tar-rinviju tiegħu.

4. Fl-20 ta' Diċembru 2022 inħarġu l-artikoli mill-Avukat Ġenerali u wara li dan ta l-kunsens tiegħu lill-Qorti skond il-liġi sabiex il-każ ikompli jinstema bil-proċedura sommarja, il-Qorti saret kompetenti skond il-liġi biex tisma' u tgħaddi l-ġudizzju tagħha ai termini tal-Art. 370(3)(c) tal-Kap. 9.

**Provi**

5. Il-każ skatta meta fil-11 ta' Jannar 2020 l-**<u>Ispettur Colin Sheldon</u>**[8] ġie infurmat minn PS 1268 Ivan Caruana li kien iddaħħal persuna l-Isptar Mater Dei bi ġrieħi gravi u li kien fil-periklu tal-mewt. Dan il-persuna kien ċertu Perrie Daniel Amarni Sciberras. Dan irrapporta li kellu inċident meta waqa' fiċ-ċinga tal-kelb fuq bankina ġewwa Triq Ġorġ Borġ Olivier, Tas-Sliema, dakinhar stess bejn 6pm u 8pm. Huwa ttieħed l-Isptar minn ommu stess u hemmhekk ġie invistat minn Dr. Agnes Portelli (Reg. 2863) li kien fi stat tal-periklu tal-mewt. L-Ispettur Sheldon għamel rapport verbali lill-Maġistrat tal-Għassa Maġistrat Dr. Gabriella Vella li min-naħa tagħha bdiet l-inkjesta *in genere* skond il-liġi u ħatret bħala espert lit-tabib Dr. Mario Scerri sabiex jinvestiga l-feriti u jagħmel rapport tiegħu. Meta imbagħad fil-15 ta' Jannar 2020 żar lill-vittma fit-Taqsima tal-Kura Intensiva, l-Ispettur Sheldon ġie infurmat illi l-inċident ma kienx seħħ kif irrappurtah iżda filfatt seħħ għaliex kien qala xeba' mill-imputat. L-istess Perrie Sciberras qallu li kien beża jgħid il-verita' lill-ommu

---

[7] Fol 73
[8] Fol 44-67

peress illi huwa *gay* u għalhekk kien ħareġ bl-istorja li waqa' fiċ-ċinga tal-kelb. F'dak l-istadju ttieħditlu dikjarazzjoni bil-miktub, liema dikjarazzjoni ġiet iffirmata mill-parti offiża. Ittieħdet stqarrija dakinhar stess mill-imputat u sussegwentement il-parti offiża rrilaxxa dikjarazzjoni oħra fl-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema, liema dikjarazzjoni, skond l-Ispettur Sheldon, kienet taqbel mad-dikjarazzjoni li kien taħ ġewwa l-Isptar. Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2021 l-istess Spettur Sheldon esebixxa għad ta' dokumenti fir-rigward ta' dak li kien għadu kemm xehed fosthom ir-rapport (Dok CS1[9]), żewġ ċertifikati datati 10 ta' Jannar 2020 rilaxxati minn Dr. Agnes Portelli (Dok CS2[10] u Dok CS3[11]), l-istqarrija tal-imputat (Dok CS6[12]), il-fedina penali tal-imputat (Dok CS7[13]) u DVD b'filmat li ttieħed mill-Victoria Hotel biswit is-Saint James Hospital fi Triq Borg Oliver (Dok CS10[14]).

6. In kontroeżami fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023, l-istess **<u>Spettur Colin Sheldon</u>**[15] *inter alia* ċaħad suġġeriment magħmul lilu mill-avukat difensur ċioe illi l-parti offiża kien għamel *fake profile* tal-imputat b'ħafna ritratti meħuda flimkien. Ikkonferma li għall-ewwel il-parti offiża kien qal li kien waqa' fiċ-ċinga tal-kelb iżda sussegwentement kien biddel il-verżjoni tiegħu meta kien l-Isptar u nfurmah illi filfatt l-imputat kien aggredih u kien spiċċa mal-art fuq il-bankina.

7. Fil**<u>-proċes-verbal numru 179/2021</u>** redatt mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella, li ngħalaq fl-10 ta' Marzu 2021 u ġie ppreżentat permezz ta' nota mill-Avukat Ġenerali 20-43 tal-proċess, ingħad *inter alia* s-segwenti:

> "Illi l-Maġistrat Inkwerenti ... nnominat lis-segwenti espert biex jgħinha f'din l-inkjesta:
>
> - It-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku sabiex jagħmel eżami mediko-legali fuq il-persuna ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras ghall-fini
>   li jiddetermina n-natura u l-entita tal-griehi sofferti minn Perrie Daniel Amarni Sciberras.
>
> Illi l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri pprezenta r-Relazzjoni tieghu fit-2 ta' Settembru 2020 u tinsab immarkata Dok. "MS". Wara li l-Espert Mediku t-tabib Dr. Mario Scerri ezamina lil Perrie Daniel Amarni Sciberras, huwa kkonkluda li:

---

[9] Fol 47-48
[10] Fol 49
[11] Fol 50
[12] Fol 53-55
[13] Fol 56-61
[14] Fol 67
[15] Fol 190A-C

- *Illi Perrie Sciberras allega li waqt li kien miexi fi Triq Gorg Borg Olivier, hdejn l-Isptar St. James. tas-Sliema nhar l-10 ta' Jannar 2020, dan waqa f'kelb;*

- *Illi l-lezjoni deskritta fuq in-naħa tal-lemin tal-wicc taz-zygomatic arch kienet kompatibbli ma' blunt trauma u kienet tikkonsisti f'abrazjoni;*

- *Illi l-peri-orbital haemtoma madwar l-għajn il-leminija kienet kompatibbli ma' blunt trauma separata;*

- *Illi l-lezjoni fil-.fwied kienet ikkagunata wkoll minn blunt trauma;*

- *Illi dawn il-lezjonijiet huma aktar kompatibbli ma' daqqiet milli waqa' fuq kelb;*

- *Illi l-kundizzjoni tieghu baqghet stabbli, tjiebet u eventwalment gie licenzjat mill-Isptar Mater Dei;*

- *Illi l-lezjoni deskritta fil-fwied kienet ta' natura gravi per durata.*

Mill-provi miġbura u mir-Relazzjoni ta' l-Espert nominat jirrizulta li l-incident li kien involut fih Perrie Daniel Amarni Sciberras, detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 66250(A), fl-10 ta' Jannar 2020, u rrappurtat lill-Pulizija fil-11 ta' Jannar 2020, fejn l-istess Perrie Daniel Amarni Sciberras sofra griehi ta' natura gravi, tant illi ghal xi hin kien fil-periklu tal-mewt, ma kienx jinvolvi waqa' f'kelb kif allegat mill-istess Perrie Daniel Amarni, izda huwa iktar probabbli li Perrie Daniel Amarni Sciberras qala' daqqiet, liema daqqiet ikkagunawlu feriti ta' natura gravi per durata.

Peress li ma jirriżultax b'mod ċar x'seta' ġara dakinhar tal-10 ta' Jannar 2020 u kif dan Perrie Daniel Amarni Sciberras ġarrab il-ġrieħi in kwistjoni, huwa opportun li l-Pulizija tkompli tinvestiga l-każ ..."

8. <u>**PS 1268 Ivan Caruana**</u> xehed fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2021[16] u spjega kif fil-11 ta' Jannar 2020 għall-ħabta ta' 0.40 hrs kien ġie nfurmat mill-control room tal-pulizija li kellhom bżonn l-assistenza ġewwa l-Emerġenza ta' Mater Dei peress li kien hemm pazjent li kien jinsab fil-periklu tal-mewt. Huwa mar fuq il-post fejn kellem lit-tabiba, Dr Agnes Portelli, reg no. 2863, fejn din stqarret li kienet eżaminat lill-pazjent u dan kellu lacerated liver u għalhekk kien jinsab fil-periklu tal-mewt. Il-

---

[16] Fol 68-69

pazjent ġie trasferit ġewwa l-ITU. Fuq ii-post ukoll kien hemm omm il-pazjent li kienet Rachel Sciberras, ID Card numru 791218L, li din stqarret li t-tifel tagħha kien ħareġ bil-kelb, irritorna lura u kien muġugħ ħafna. Huwa baqa' muġugħ għal sagħtejn sħaħ u xi sagħtejn wara iddeċidiet li tieħdu Mater Dei. Meta kellmitu hu kien qallha li kien miexi bil-kelb, żelaq u li ħabat il-ġenb ta' sidru ġol-bankina. Il-vittma irriżulta Ii huwa Pierre Daniel Armeni Sciberras, ID card 66250A. Ix-xhud għalhekk informa lill-Ispettur  Colin Sheldon bl-akkadaut fejn dan min-naħa tiegħu informa lill-Magistrat tal-Għassa li bdiet inkjesta. Ix-xhud qal ukoll li minn informazzjoni li kellhom, kienu ġew infurmati li l-inċident seħħ ħdejn St James Hospital. Meta l-Pulizija ċċekkjat ma' St James Hospital irriżulta li dan ma kellux CCTV cameras fuq barra. Rappreżentanti tal-lukanda ta’ viċin, ossia’ Victoria Hotel, għaddew filmat tas-CCTV lill-Pulizija li għaddiet l-istess lit-taqsima tal-Forensika. Dan ġie ppreżentat iktar kmieni fl-istess seduta mill-Ispettur Sheldon u mmarkat bħala Dok CS 10[17].

9. Il-Qorti aċċediet għad-DVD in kwistjoni u mill-filmati kollha misjuba ġo fih ma jirriżulta xejn li b’xi mod jixħet dawl fuq l-allegat inċident.

10. Fl-istess seduta xehed bil-lingwa Ingliża l-parti offiża **<u>Perrie Daniel Amarni Sciberras</u>**[18] li *inter alia* stqarr li l-inċident seħħ fis-6 ta’ Jannar 2020 għal xi 4.30 – 5.00 pm fi Triq Borg Olivier, Tas-Sliema. Qal li inizjalment kien qal lill-Pulizija li kien waqa’ fil-kelb, iżda imbagħad xehed fuq il-verżjoni veritiera :

> “The real version I was walking home from having a coffee with my friend. I walked down Triq Oliver Borg Street, opposite the hospital I heard my name get called, I turned around and it was Kurt, he ran towards me and he started kicking and pushing me towards the floor”.

Fuq mistoqsija dwar jekk kienx jaf lill-imputat minn qabel huwa wieġeb fl-affermattiv u stqarr:

> “I used to work with eCabs. I have a colleague a friend of a friend, that is how I know him.”

Huwa għaraf lill-imputat fl-awla bħala l-persuna li rrefera għalih bħala “Kurt”.

Kompla jgħid is-segwenti:

---

[17] Fol 67
[18] Fol 70-72

"After the attack someone stopped the attack, I managed to walk myself home, I was thinking it was my arthritis pain, then I could hear like tripping inside, so I phoned my mama, asked her to take me to the hospital. When I got to the hospital they rushed me into surgery. I woke up in the surgery, said that I had minutes to live…I told the police that I tripped over my dog at the beginning because I was scared of what happened."

Huwa qal ukoll meta ddeċieda li jgħid il-verita':

It was when I knew the damage of my incident, what happened to me, as it was half of my liver got ripped. I was talking to a care nurse on duty and I told him the truth. And then that is when they called the police."

Qal ukoll illi wara li ħareġ mill-Isptar huwa għamel stqarrija oħra lill-Pulizija.

Dwar l-attakk li huwa ddeskriva bħala wieħed omofobiku huwa qal illi kien diġa ġie attakkat mill-imputat qabel l-inċident in kwistjoni iżda ma kienx għamel rapport lill-Pulizija dwaru. Qal ukoll is-segwenti:

"I was on the .......... and I see Kurt's face and I asked him, "why he was on the application because you are straight? And he told me he was curious … Grinder is a dating app. I asked him why he was on the application, he told me he was curious and then after about five minutes he blocked me, first he told me not to tell anyone about it, I will come for you my family please, then he blocked me and then about two hours later he came on to Facebook saying, "Do you want to meet and everything?" and I said no. And then finally I met him at the beginning of January, I picked him up in the car, he got in the car and he attacked me again, I managed to get to a bus stop and he jumped out of the car saying, "do not tell anyone what has happened, my family, please."

11. Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2022, xehed **PC 1187 Matthew Cassar**[19] li kkonferma l-firma tiegħu fuq id-dokument esebit a fol 52 (Dok CS5) ossia' d-dikjarazzjoni li ffirma l-imputat qabel l-istqarrija tiegħu dwar ir-rifjut ta' assistenza legali. L-istess għamlet l-**Ispettur Valerie Mifsud**[20] fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2022 meta dakinhar ukoll xehdet li kienet qed tagħraf il-firma tagħha fuq l-istess dokument.

---

[19] Fol 82
[20] Fol 87

12. Fit-22 ta' Marzu 2022 ukoll xehdet it-tabiba **Dr. Agnes Portelli**[21] li kkonfermat iċ-ċertifikat rilaxxat minnha fl-10 ta' Jannar 2020 fejn fost oħrajn kienet iċċertifikat lill-parte offiża li kellu laċerazzjoni fil-fwied (klassifikata grade 3) u li kien fil-periklu tal-mewt. Stqarret ukoll illi hija kienet irreferiet il-pazjent lis-*surgeons* u filfatt dan kien iddaħħal taħt il-kura ta' Dr. Jo Etienne Abela fil-qasam tal-kura intensiva (ITU).

13. Fit-3 ta' Mejju 2022 xehdet bil-lingwa Ingliża, **Rachel Sciberras**[22], omm il-*parte civile,* fejn din qalet fost oħrajn is-segwenti:

> "My son ... was going out for a coffee to meet a friend, that the last thing I heard. The next thing I popped out I was with a friend myself and my mother she was here from the UK and then my son phoned me say to come back, he wasn't feeling too well, I went back home. That's the short story of it, to be honest. The next thing he said he couldn't breathe properly, he asked me to take him to the hospital, I took him to the hospital, I asked him what had happened obviously, he told me he tripped and fell over the dog which is not a surprise, with his arthritis he loses his balance and my dog does tends to walk in front of me, I dropped my son to the hospital where I left him. He said he would phone me if needed later…
>
> … When I arrived home he was up in the bedroom in pain…And he had some marks on his face…Like grazes"

Qalet li binha kien muġugħ u li kien qed jilmenta minn uġiegħ fl-istonku u f'sidru, Kompliet tgħid *inter alia* illi:

> "Later, he was telling me that his breathing was getting difficulty and I gave him a medication a ..... or something, I can't remember exactly what…Codeine, I think it was. And then I went back downstairs, I popped up a half hour or so later, I can't remember, to be honest, and he said, I said "how are you feeling?" he said "I am not good with my breathing … And then he asked if I could take him to the hospital…Which I took him to the hospital. I parked out the emergency, I waited for Perry to give his papers in, he said "you can come back later", I said "okay" because my mum, I went home because I was worried about my mum she has got dementia, I didn't want to leave her too long … I had a very nervy call from the hospital to tell me I should come back straight away. There was an ..... of surgery team to work on Perry. He had a very bad ......, can't say the word sorry, liver. He needed to go into theatre straight away. My friend sat with my mum and I drove straight away to the

[21] Fol 86
[22] Fol 91-93

hospital…When he came out of surgery, I can't remember the ward, no, it was intensive care, then he was there for a few days, we stayed with him all night, through the night and then when he wake I still sat there…I was asking questions how bad the injuries were and I don't know, then after when he got discharged I followed him down in a ward, I think, I don't know, I think it was two (2) days after, he was in recovery, then I asked "I can't believe what happened, all this" and then he told me slowly what had happened…
… Basically, he got attacked by the person he went for a coffee with, which he didn't get a coffee, he got attacked and they tried, this person tried to beat him up and rob his phone, he told me and as he punched him Perry fell to the curb and that's how the injuries, he was totally I couldn't believe the state inside when he showed me his shirt black and blue. Infact Now it's still…He said he'd gone to meet someone for a drink and he was gay, am I allowed to say that? I don't know…Yes, he went to meet a friend or somebody and he explained to me that he thought that this person was gay … And he wasn't the truth, the person he thought he was I'm sorry to say…And obviously this person, can't quote, I wasn't stood there, wasn't gay himself and wasn't happy that Perry was. It's the only way I can say it really."

14. Fis-17 ta' Mejju 2022 xehdet **Stephania Calafato Testa**[23] għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali. Din esebiet numru ta' sentenzi li ngħataw fil-konfront tal-imputat ossia:

- **Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino, Spettur James Grech) v. Kurt Amato et** (Il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Ġudikatura Kriminali, deċiża **31/07/2017**, Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Josette Demicoli: l-imputat ġie fost oħrajn misjub ħati ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur u ngħata ordni ta' *probation* għal tlett snin. Din is-sentenza ma ġietx appellata[24].

- **Il-Pulizija (Spettur James Grech, Spettur Daryl Borg) v. Kurt Amato et** (Il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Ġudikatura Kriminali, deċiża **24/09/2014**, Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Natasha Galea Sciberras: l-imputat ġie fost oħrajn misjub ħati ta' serq aggravat bil-ħin, tal-kummissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' *probation* u ordni ta' servizz fil-komunita', u tal-ksur ta' kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preċedentement. L-imputat ingħata ordni ta' *probation*

---

[23] Fol 94A-B
[24] Fol 95 (Dok SC1) u fol 100-118 (Dok SCT4)

għal tlett snin u ġie kkundannat li jħallas *ammenda* ta' € 55, liema *ammenda* tħallset[25]. Din is-sentenza ma ġietx appellata u kwindi hija *res judicata.*[26]

- **Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) v. Kurt Amato et** (Il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Ġudikatura Kriminali, deċiża **20/05/2015**, Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman: l-imputat ġie fost oħrajn misjub ħati ta' serq aggravat bil-valur u bil-lok u ta' ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' sentenza mogħtija preċedentement minn din il-Qorti diversement presjeduta. L-imputat ġie kkundannat għal sena priġunerija. Din is-sentenza ma ġietx appellata u kwindi hija *res judicata* [27]

15. Fit-18 ta' Ottubru 2022 xehed it-tabib **Dr. Edward Cherubino[28]** li kien inħatar bħala espert mill-Qorti fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2021 sabiex jinvista lill-parti offiża, jara l-kundizzjoni tiegħu u jirrapporta jekk kienx qed baqa' konsegwenzi mill-allegat inċident.[29] Dan ippreżenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet esebita a fol 154-170. Huwa kkonferma li l-allegat vittma kellu *grade 3 laceration* u kien fil-periklu tal-mewt u li l-feriti li ġarrab kienu għalhekk ta' natura gravi. Madanakollu xehed li dan ma kienx sofra disabilita' permanenti. Fil-konklużjonijiet tar-relazzjoni tiegħu huwa qal is-segwenti:

- "Illi sabiex jaqdi dan l-inkarigu moghti lilu, l-esponent acceda fil-Medical Records ta' l-Isptar Mater Dei kif ukoll gewwa ic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, nhar is-Sibt 23 ta' April 2022...

- Illi nhar il-Gimgha 10 ta' Jannar 2020, **Perrie Sciberras** kien involut f'glieda li seh gewwa tas-Sliema, fejn l-istess vittma kien allegatament attakkat minn Kurt Amato;

- Illi skont il-vittma, nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tas-6pm, kien miexi lejn ħanut tal-kafetterija f'tas-Sliema fejn kien ippjana li jiltaqa' ma' ħabib tiegħu għal kafè;

- Illi waqt li kien miexi, sema' lil xi ħadd isejjaħlu u hekk kif dawwar rasu, mill-ewwel għaraf lill-persuna bħala ċertu Kurt Amato, eks kollega tiegħu fil-kumpanija e-Cabs;

---

[25] Fol 99 (Dok SCT3)
[26] Fol 119-127 (Dok SCT5)
[27] Fol 128-133 (Dok SCT6)
[28] Fol 153
[29] Fol 16

- Illi skont il-vittma, beza' minn Kurt Amato u beda jigri malajr kemm seta';

- Illi wara xi hin, l-allegat aggressur lahaq il-vittma u tah daqqa ta' ponn, bil-vittma jaqa' ma l-art;

- Illi hekk kif il-vittma kien mal-art, l-allegat aggressur ta daqqiet ta' sieq ripetutament lill-vittma f'żaqqu;

- Illi f'xi hin, ragel li kien ghaddej, beda jgħajjat mal aggressur biex jieqaf, u l-allegat aggressur beza' u harab;

- Illi l-istess r-raġel li kien għaddej, avviċina lill-vittma u staqsieh jekk kienx weġġa' filwaqt li għen lill-vittma jqum fuq saqajh;

- Illi l-vittma beża' u ġera lejn id-dar tiegħu, li kienet viċin;

- Illi meta l-vittma kien id-dar, huwa beda jesperjenza uġigħ jiżdied fuq in-naħa tal-lemin ta' żaqqu u ħas sensazzjoni ta' likwidu miexi 'l isfel mill-lemin ta' żaqqu;

- Illi l-vittma kien inkwetat u għalhekk iddeċieda li jmur fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei;

- Illi malli dahal l-Isptar Mater Dei, il-vittma kien innutat li kellu wġigħ persistenti fuq in-naħa tal-lemin ta' żaqqu u li kellu ukoll daqqa fuq in-naħa tal-lemin ta' rasu u madwar l-għajn il-leminija;

- Illi fid-Dipartiment tal-Emerġenza ġiet organizzata *CT abdomen-pelvis* li wera *large grade III laceration of the left lobe of the liver with active extravasation and an amount of blood around the liver as well as a large abnormal and pelvic haematoma*;

- Illi kien ordnat ukoll *CT Brain* fid-dawl tat-trawma fir-ras, iżda dan kien irrappurtat bħala normali;

- Illi minħabba l-ferita fil-fwied li kienet ta' theddida għall-ħajja, il-vittma saritlu *angiographic embolization* u ddaħħal fit-Taqsima tal-Kura Intensiva fl-Isptar Mater Dei.

- Illi fit-12 ta' Jannar 2020, il-kundizzjoni tal-vittma tjiebet u l-fsada waqfet, u għalhekk il-vittma ġie trasferit fis-sala tal-kirurġika *Surgical Ward* 4;

- Illi fis-17 ta' Jannar 2020, il-vittma ilmenta minn uġigħ *right upper quadrat pain* man-nifs u għalhekk sariltu *CT pulmonary angiogram* biex tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' emboliżmu pulmonari;

- Illi c-*CT pulmonary angiogram* irriżulta negattiv għal emboliżmu pulmonari;

- Illi saritlu ukoll *CT Liver* biex tiġi evalwata kwalunkwe riżoluzzjoni tal-laċerazzjoni tal-fwied u li kkonfermat li ma kien hemm l-ebda fsada attiva, iżda d-daqs tal-laċerazzjoni-ematoma tal-fwied baqa' ma nbidilx;

- Illi fit-18 ta' Jannar 2020, il-vittma kien hafna aħjar u gie meqjus tajba għad-*discharged b'follow-up* CT *Liver* wara 4 ġimgħat;

- Illi *b'follow-up CT Liver* saritlu fit-18 ta' Frar 2020 li wera tnaqqis fid-daqs tal-ematoma u l-ebda evidenza ta' kumplikazzjonijiet ġodda;

- Illi l-vittma kien eżaminat mill-esponent;

- Illi l-addome kien *soft and non-tender;*

- Illi ma kinex hemm ebda kumplikazzjonijiet li jirriżultaw minn trawma fil-fwied;

- Illi l-vittma ma lmentax minn wġigħ jew problemi ohra fuq in-naħa tal-lemin ta' żaqqu;

- Illi l-vittma sofra ġrieħi **ta' natura gravi.** "[30]

16. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 xehed in kontroeżami l-parti offiża **Perrie Daniel Amarni Sciberras**[31]. Dan qal fost affarijiet oħra illi ma kienx il-każ, li kien qed jiġi suġġerit lilu mid-difiża, illi huwa kien qal lill-ommu li dakinhar tal-inċident kien mar jiltaqa' ma xi ħadd u li kien dak il-persuna stess li attakkah. Sostna illi filfatt li qal lill-ommu kien illi huwa mar biex jiltaqa' ma' ħabib tiegħu u li kien ġie attakkat fi triqtu. Ikkjarifika illi kien ġiet attakkat fi triqtu lejn il-*cafeteria* sabiex jiltaqa' ma ħabib tiegħu u mhux wara li kien spiċċa mill-inkontru fl-istess *cafeteria.* Ikkonferma illi kien hemm xi diżgwid bejnu u bejn l-imputat qabel l-inċident. Huwa nnega li kien għamel xi *fake profile* tal-imputat fuq is-*social media.* Innega ukoll illi qabel jew wara

[30] Fol 154-170
[31] Fol 203-204

l-inċident kien bagħat xi messaġġi lill-ġenituri jew ħbieb tal-parti offiża. Ċaħad ukoll illi kien bagħat xi messaġġi lill-*partner* tal-imputat fis-sens li bħala persuna *gay* kien imissu jistħi li qiegħed miegħu u b'suġġerimenti ta' x'kellu jgħid. Innega ukoll illi kien jaf lil persuna li kienet barra l-awla u li kien bagħtlu xi messaġġi biex jipperswadih jagħmel ċertu allegazzjonijiet kontra l-imputat.

17. Fl-istess seduta d-difiża ressqet bħala xhud tagħha lil **Emanuel Balzan**[32]. Dan qal li kien ilu xi sentejn ħabib mal-imputat u li sar jafu wara l-inċident. Xi żmien wara l-inċident in kwistjoni huwa kien irċieva messaġġi mill-parti offiża, liema persuna huwa qatt ma kien ra b'għajnejh. Fi kliemu dan ried:

> "... jwassal messagg li ma tistax tafdah bhala habib, li attent ghax jista jwegghak, attent ghax jimmanupulak biex jiehu dak li jrid etc etc. Tant li kelli nibblokkjah ghax il-persuna kien invadenti. Jiena hadt anki screenshots ta ftit minnhom u mhu veru xejn fis-sens jien lil Kurt ilni nafu ghal sentejn u fuqhom u f'dawn is-sentejn u fuqhom qatt ma kien hemm incident wiehed minn dak li qed jallega hu... Riedu jwasslu li jgibni bhala xhud mieghu jew inkella komplici mieghu jew inkella nassisti lilu biex jiena naqbel ma li qed jghid hu jew inkella nghid xi haga li mhux minnha, biex jiena nigi kontra Kurt. Meta jiena dan ma nistax nghidu ghax qatt ma sar."

Dwar ir-relazzjoni li seta' kien hemm bejn l-imputat u l-parti offiża, huwa qal:

> "Jiena nahseb li ma kien hemm xejn. Jiena nahseb li l-persuna minn dak li stajt nifhem jiena, xtaq affarjiet minghand Kurt li Kurt ma setax itihomlu lura u ghalhekk bhal meta nghidu min ma jilhaqx l-gheneb jghid li hu qares u allura hekk kien hemm allegazzjonijiet li jiena m'ghandiex x'nghid iktar fuqhom ghax ma nafx xejn pero mieghi ma saru qatt dak li prova jhedded u jghid lili li ha jsir."

Dwar kif l-imputat jħares lejn il-komunita' tal-omosesswali, ix-xhud tenna :

> "jiena Kurt sar jafni bhala persuna li kien jaf li jien persuna gay jigifieri kien jaf li jiena persuna gay. Allura, kien jaf ... Kien jaf li qed jaghmel hbieb ma persuna gay. Tlaqna mill-fatt li hu jaf fejn qieghed u jaf fejn jien. Irrid nghid li f'dawn is-sentejn u fuqhom kien hemm mumenti fejn kien id-dar ghandi, stedinna persuni gay jiklu ghandna, koppji etc, sajjrilhom anki hu. Mhux l-ewwel darba...gie anki meta kont per ezempju jkun barra u jghidli fejn qieghed u jaqbad jigi anki f'lokali, bars li huma gay u jiehu pjacir jitkellem ma kulhadd inkluzi anki persuni importanti.

[32] Fol 205-207

> Jigifieri, jien qatt ma rajt xejn fil-konfront tieghi jew ta ohrajn. God-dar taghna stess, tieghi stess, li hemm kien hemm xi haga li tmur kontra dak li nemmen fih jiena u li jien mahluq bih."

In kontroeżami x-xhud qal illi l-imputat għamel xi żmien jgħix miegħu fid-dar tiegħu peress li xtaq li jaqta' miċ-ċirku ta' ħbieb li kien jiffrekwenta sabiex jibdel ħajtu.

18. Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2023 reġa' xehed bil-ġurament **Emanuel Balzan**[33] fuq talba tad-difiża sabiex jippreżenta *screenshots* tal-messaġġi li rrefera għalihom fis-seduta preċedenti. Dawn ġew esebiti u mmarkati bħala Dok EB1[34] u Dok EB2[35]

19. Fuq talba tad-difiża, milqugħa mill-Qorti, sar konfront bejn ix-xhud imsemmi u l-parti offiża **Perrie Sciberras**[36]. Dan ikkonferma illi huwa kien bagħat il-messaġġi lil Emanuel Balzan, esebiti bħala Dok EB1 u EB2 minkejja li fis-seduta ta' qabel kien innega illi kien jaf lil persuna li kienet barra l-awla. F'dan ir-rigward huwa qal hekk:

> "At the time of the last sitting, you told me the person outside, I didnt know who that person was."

**Kunsiderazzjoni**

20. L-imputat qed jiġi mixli fl-ewwel imputazzjoni li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras f'periklu ċar, ikkommetta ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Sciberras fl-10 ta' Jannar 2020 għal ħabta tas-18.00 hrs u ħinijiet qabel, ġewwa Triq Ġorg Borg Olivier, Sliema, liema ferita kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-istess Perrie Daniel Amarni Sciberras u dan bi ksur tal-Art. 216(1)(a)(ii) u Art. 218(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fit-tieni imputazzjoni qed jiġi mixli li wettaq tali reat meta dan kien motivat, għal kollox jew b'mod parzjali b'mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni, fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin u dan bi ksur tal-Art. 83B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

21. L-Art. 216 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

---

[33] Fol 209
[34] Fol 210
[35] Fol 213
[36] Fol 214

**'216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin -**

**(*a*) jekk tista' ġġib periklu –**
**(i) tal-ħajja; jew**
**(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew**
**(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella**
**(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;**

**(*b*) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;**

**(*ċ*) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;**

**(*d*) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;**

**(*e*) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.**

**(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dan il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.'**

22. L-Art. 218 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

**'218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin –**

**<u>(*a*) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ</u>;**

**(*b*) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;**

**(*ċ*) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.**

**(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.**

**(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuq il-persuna tkun saret bil-mezz ta' likwidu jew sustanza li jesplodu.'**

23. L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, *inter alia* indikat l-Artikoli 214, 214, 216, 83B u 222A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta bħala l-artikoli li taħthom tista' ssib ħtija din il-Qorti.

24. L-Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali jaqra:

**'214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.'**

25. Imbagħad il-Kodiċi Kriminali jiddistingwi bejn offiża gravi fis-sens tal-artikolu 216, u l-offiża gravissima ai termini tal-Artikolu 218, kif fuq kwotat.

26. Bin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali fost affarijiet oħra:

- Ikkwotat l-Artikolu 216 b'mod ġenerali mingħajr ma speċifikat liema ċirkustanzi tal-offiża gravi għandhom japplikaw (mentri ċ-ċitazzjoni speċifikat li l-offiża hija waħda gravi ai termini tal-Art. 216(1)(a)(ii)), u

- Neħħiet l-Art. 218 tal-Kap. 9 li jipprovdi għal offiża gravissima.

27. Kif intqal fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

- "In-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, kif appena tigi presentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tiddefinixxi (u tista' wkoll tirridimensjona billi targina) l-parametri tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet kontra l-akkuzat li jkun." (**Ir-Repubblika ta' Malta v. Anthony Muscat** – Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), deċiż 22/01/2009).

- "Meta r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-artikolu 370, in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal filkaz ta' l-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghallgudizzju taht l-imsemmi artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala

awtur ta' reat, il-Qorti talMagistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bilkunsens ta' l-akkuzat (art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak irreat. Fil-kaz in ezami, l-artikoli li ndika l-Avukat Generali jirriflettu l-imputazzjonijiet originali kontra l-appellat. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz." (**Il-Pulizija v. Omissis ... Francesco sive Godwin Scerri** – Qorti tal-Appell Kriminali, deċiż 18/04/2012)

28. Kif sew qal l-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni finali tiegħu, din il-Qorti ma tistax issib ħtija taħt l-Art. 218 (offiża gravissima), anke li kieku l-fatti li jsawwru dan l-aggravanti jirriżultaw ippruvati (xi ħaġa li inċidentalment ma tapplikax fil-każ odjern tenut kont dak li xehed l-espert tal-Qorti Dr. Edward Cherubino), u dan peress illi l-Avukat Ġenerali ma kkwotatx dan l-artikolu tal-liġi fin-nota tar-rinviju tal-ġudizzju minkejja li kien jirriżulta fl-att taċ-ċitazzjoni.

29. L-avukat difensur però sostna ukoll illi mill-provi jirriżulta li jekk hemm xi fatti li jirriżultaw, dawn jaqgħu taħt l-Art. 216(1)(d) ossia' l-offiża gravi *per durata* – u mhux taħt l-Art. 216(1)(a)(ii) – u ġaladarba ċ-ċitazzjoni kienet tispeċifika l-Art. 216(1)(a)(ii) u mhux l-Art. 216 in ġenerali, dan ifisser illi l-Avukat Ġenerali żiedet ċirkustanzi tar-reat ta' offiża gravi li dwarhom ma saritx il-kumpilazzjoni. Għalhekk skond id-difiża, l-Qorti ma tistax issib ħtija la taħt l-Art. 216(1)(a)(ii) u lanqas taħt l-Art. 216(1)(d).

30. Dwar li l-Qorti ma tistax issib ħtija taħt xi ċirkustanza oħra taħt l-Art. 216(1), il-Qorti ma taqbilx. Huwa assodat fil-ġurisprudenza illi l-indikazzjoni fiċ-ċitazzjoni tal-artikoli tal-liġi hija appuntu "indikazzjoni" u tali artikoli la jorbtu lill-Qorti u waħedhom lanqas ma jkunu suffiċjenti sabiex ifissru b'mod adegwat ir-reat li dwaru l-imputat ikun ġie mixli. Dak li filfatt jiddisponi l-Art. 360(2) dwar l-elementi taċ-ċitazzjoni huwa *inter alia*: indikazzjoni b'mod ċar u fil-qosor tad-dettalji dwar l-imputat u tal-**fatti tal-akkuża** (bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu meħtieġa jew li jistgħu jingħataw). Fl-att taċ-ċitazzjoni l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat illi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, huwa ikkaġuna ferita ta' **natura gravi** fuq il-persuna ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras. Dan il-fatt jikkomprendi fih iċ-ċirkustanzi ossia' konsegwenzi kollha li jistgħu jsawwru l-offiża gravi taħt l-Art. 216(1), mhux neċessarjament dawk li jaqgħu taħt l-Art. 216(1)(a)(ii) kwotat fiċ-ċitazzjoni.

31. Mill-banda l-oħra l-Qorti hija marbuta mal-artikoli li jkunu ġew indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tal-ġudizzju sakemm din ma tkunx żiedet reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni. Kif ingħad, l-Avukat Ġenerali m'arġinatx il-parametri ta' din l-imputazzjoni għar-reat ta' offiża gravi kif imsemmija fl-Art. 216(1)(a)(ii) tal-Kap. 9, iżda ċċitat l-Artikolu 216 b'mod ġenerali. Li jfisser li l-Qorti tista' ssib lill-imputat ħati ta' dan ir-reat abbażi ta' ċirkostanza oħra li taqa' taħt l-Art. 216(1). **<u>Kien ikun differenti l-każ</u>** li kieku fiċ-ċitazzjoni, l-Prosekuzzjoni żiedet ukoll il-kliem li jsawwru l-Art. 216(1)(a)(ii), għaliex f'tali każ il-Qorti kienet imbagħad tabilħaqq tkun marbuta mal-fatti tar-reat kif speċifikament espressi mill-Prosekuzzjoni, nonostante l-artikolu ġeneriku kwotat mill-Avukat Ġenerali.

32. Inoltre, lanqas ma l-Qorti taqbel mad-difiża illi l-konsegwenza taħt l-Art. 216(1)(a)(ii) ma tirriżultax mill-provi minħabba dak li seta' qal jew ma qalx l-espert maħtur fl-inkjesta dwar l-*in genere.* F'dan ir-rigward il-provi esebiti jinkludu *inter alia* s-segwenti:

- "This is to certify that I have examined the above patient in Casualty on 10/1/2020 at 9pm and found him to be suffering from the following injuries: Grade 3 lacerated liver with pelvic collection. The nature of these injuries is grievous." (Dr. Agnes Portelli, 10/1/2020[37])

- "This is to certify that Mr. Sciberras was found to have a lacerated liver following trauma and is in danger of loss of life" (Dr. Agnes Portelli, 10/1/2020 *at midnight*[38])

- "Illi sabiex jaqdi l-inkarigu mogħti lilu l-esponent aċċeda fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar Mater Dei nhar il-11 ta' Jannar 2020 ... fl-10.30 am ... Illi CT scan taż-żaqq wera li kien hemm evidenza ta' laċerazzjoni kbira Grade III fil-*lobe* tax-xellug tal-fwied, b'evidenza ta' ammonti żgħar ta' demm madwar il-fwied...Illi l-leżjoni deskritta fil-fwied kienet ta' natura gravi *per durata."* (Dr. Mario Scerri, 07/08/2020, relazzjoni ppreżentata fl-inkjesta fit-2 ta' Settembru 2020[39])

- "Illi fid-Dipartiment tal-Emerġenza ġiet organizzata *CT abdomen-pelvis* li wera *large grade III laceration of the left lobe of the liver with active extravasation and an amount of blood around the liver as well as a large abnormal and pelvic haematoma...* Illi minħabba l-ferita

[37] Fol 50
[38] Fol 49
[39] Fol 22-43

> fil-fwied li kienet ta' theddida għall-ħajja, il-vittma saritlu *angiographic embolization* u ddaħħal fit-Taqsima tal-Kura Intensiva fl-Isptar Mater Dei... Illi saritlu ukoll *CT Liver* biex tiġi evalwata kwalunkwe riżoluzzjoni tal-laċerazzjoni tal-fwied u li kkonfermat li ma kien hemm l-ebda fsada attiva, iżda d-daqs tal-laċerazzjoni-ematoma tal-fwied baqa' ma nbidilx... Illi saritlu ukoll *CT Liver* biex tiġi evalwata kwalunkwe riżoluzzjoni tal-laċerazzjoni tal-fwied u li kkonfermat li ma kien hemm l-ebda fsada attiva, iżda d-daqs tal-laċerazzjoni-ematoma tal-fwied baqa' ma nbidilx; Illi fit-18 ta' Jannar 2020, il-vittma kien hafna aħjar u gie meqjus tajba għad-*discharged b'follow-up* CT *Liver* wara 4 ġimgħat; Illi *b'follow-up CT Liver* saritlu fit-18 ta' Frar 2020 li wera tnaqqis fid-daqs tal-ematoma u l-ebda evidenza ta' kumplikazzjonijiet ġodda; Illi l-vittma kien eżaminat mill-esponent ... Illi ma kinex hemm ebda kumplikazzjonijiet li jirriżultaw minn trawma fil-fwied ... Illi l-vittma sofra ġrieħi **ta' natura gravi.** (Dr. Edward Cherubino, 03/07/2021, relazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2022[40])

33. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** (Prim Imħallef Dr. Vincent DeGaetano, deċiża 30/07/2004):

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f' idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f' idejn il- gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f' idejn l-Imhallef sedenti). **Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq ' opinjoni medika'** . It- tabib jew tobba jispjegaw x' irriskontraw bhala fatt; u, jekk il- qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x' hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghallgudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."

34. It-tobba kollha qablu illi l-parti offiża sofra laċerazzjoni sinjifikanti fil-fwied b'kawża ta' *trauma* u li kien sofra ferita ta' natura gravi. Kemm Dr. Agnes Portelli u kif ukoll Dr. Edward Cherubino ċċertifikaw ukoll illi l-pazjent kien fil-periklu li jitlef ħajtu b'kaġun *inter alia* ta' din il-ferita. Dr. Cherubino xehed illi wara li nvista l-pazjent iżjed minn sentejn wara l-allegat inċident, sab li dan ma kienx sofra debbulizza permanenti f'saħħtu jew fil-funzjoni ta' xi parti minn ġismu. Issa huwa minnu li l-espert maħtur fl-inkjesta, Dr. Mario Scerri, irrelata ukoll illi l-ferita fil-fwied kienet waħda ta' natura gravi *per durata*, li jista' jwassal għall-argument illi l-Prosekuzzjoni kellha ġġib prova illi l-parti offiża sofra *"physical infirmity"* li damet għal tletin

[40] Fol 154-170

ġurnata jew iżjed (jew inkella żammitu għal daqstant żmien milli jmur għax-xogħol tiegħu). Madanakollu il-Qorti tqis li anqas kien hemm għalfejn li Dr. Mario Scerri jgħid li tali offiża kienet waħda gravi *per durata* għaliex huwa fatt magħruf tal-inqas għal din il-Qorti kif presjeduta, mingħajr il-ħtieġa ta' xhud li jesprimi opinjoni medika – li laċerazzjoni Grade III (deskritta ukoll bħala "kbira") fil-fwied tiehu aktar minn tletin ġurnata biex tfieq kompletament! Il-fatt li l-parti offiża ġiet liċenzjata mill-Isptar tmient ijiem wara ma jbiddel xejn. Anzi semmai, l-fatt illi fit-18 ta' Frar 2020 (allura xahar u ġimgħa wara) waqt *follow-up* irriżulta fis-CT Scan tal-fwied illi kien hemm tnaqqis fid-daqs tal-ematoma, juri illi anke wara xahar u ġimgħa l-fwied ma kienx għadu fieq kompletament.

35. Lanqas ma teħtieġ opinjoni medika l-Qorti biex tikkonstata illi l-ferita mġarrba mill-parti offiża setgħet iġġib periklu tal-ħajja (filfatt żewġ tobba separati kkonstataw dan il-fatt) jew0 ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-parti offiża, li entrambi jikkonstitwixxu ukoll l-offiża gravi taħt l-Art. 216(1) tal-Kap. 9.

**Kunsiderazzjonijiet ulterjuri**

36. Id-difiża qajjmet ukoll l-argument illi l-imputat għandu jiġi liberat fuq kunflitt ta' provi billi fix-xhieda tiegħu l-parti offiża stqarr li l-inċident seħħ fis-6 ta' Jannar 2020 u mhux, kif imniżżel fiċ-ċitazzjoni, fl-10 ta' Jannar 2020.

37. Il-Qorti tara li tabilħaqq fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2021[41] Perrie Daniel Amarni Sciberras stqarr li l-inċident kien seħħ fis-6 ta' Jannar 2020 għal xi 4.30-5.00pm. Madanakollu l-Qorti wara li fliet sew l-atti proċesswali ma setgħetx ma tinnutax li jeżistu bil-wisq iktar provi li juru li din ix-xhieda ma kienetx ħlief *lapsus* min-naħa tal-parti offiża u li l-inċident verament kien seħħ fid-data, ħin u lok indikati fiċ-ċitazzjoni. Hekk pereżempju:

- Iċ-ċertifikati maħruġa minn Dr. Agnes Portelli ftit tal-ħin biss wara li l-parti offiża irrappurta fl-Isptar Mater Dei, huma datati 10 ta' Jannar 2020.

- Irriżulta lill-espert li xehed fl-inkjesta dwar l-*in genere*, Dr. Mario Scerri, mill-informazzjoni miġbura mill-istess parti offiża, illi l-inċident seħħ fl-10 ta' Jannar 2020.

[41] Fol 70-72

- Ir-rapport tal-okkorrenza imdaħħal minn PS 1268 Ivan Caruana juri li r-rapport daħal fil-11 ta' Jannar 2020 dwar inċident li kien seħħ fil-ġurnata ta' qabel.

- Irriżulta lill-espert maħtur mill-Qorti, Dr. Edward Cherubino, li acceda fil-*Medical Records* ta' l-Isptar Mater Dei, illi l-inċident seħħ nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2020.

38. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** (App. Krim. 59/2023, Imħallef Joseph Galea Debono, deċiża 09/07/2003):

> "...mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."

39. Tenut kont tax-xhieda fuq indikata, il-Qorti ftit li xejn għandha dubbju illi l-inċident verament seħħ fl-10 ta' Jannar 2020 u li d-data erronja indikata mill-parti offiża ma kienetx ħlief *lapsus* li l-istess xhud m'għarafx jikkoreġi fil-kors tax-xhieda tiegħu.

40. Fit-trattazzjoni finali, l-abbli avukat difensur saħaq ukoll illi l-parti offiża ma kien xejn kredibbli fix-xhieda tiegħu partikolarment meta ġie kkonfrontat ma dak li xehed ix-xhud tad-difiża Emmanuel Balzan.

41. Il-Qorti tqis illi verament jista' jingħad li kien hemm xi kontradizzjonijiet jew inverosomiljanzi f'dak li xehed Perrie Daniel Amarni Sciberras fir-rigward tal-allegat messaġġi li d-difiża sostniet li kien bagħat lil terz sabiex iwissih dwar l-imġieba tal-imputat u sabiex allegatament jinfluwenzah f'dak li għandu jgħid. Filwaqt li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023[42] meta xehed in kontroeżami, qal li huwa ma kien bagħat l-ebda messaġġi ta' dan it-tip lill-*partner* tal-imputat u li ma kienx jaf lil xhud li kien qiegħed barra l-awla, fis-seduta sussegwenti tat-28 ta' Novembru 2023, wara li kien xehed Emanuel Balzan u esebixxa ukoll *screenshots*[43] ta' messaġġi mibgħuta lilu mill-parti offiża, huwa kkonferma li kien hu li bagħat tali messaġġi u li fis-seduta preċedenti ma kienx jaf għal liema persuna barra l-awla kien qed jirreferi l-avukat

[42] Fol 203-204
[43] Fol 210 u 213

difensur fil-mistoqsija tiegħu lilu. Issa fis-sewwa għandu jingħad illi l-Qorti ma tantx hija preokkupata bil-kontenut ta' dawn il-messaġġi li fil-parti l-kbira tagħhom huma ta' natura personali u jekk xejn jagħtu kredenza għal dak li xehed li għadda minnu l-parti offiża. M'hemm xejn pereżempju fihom illi juru b'mod ċar illi l-parti offiża kien qiegħed jipprova jinfluwenza lix-xhud dwar kif għandu jixhed fil-Qorti. Li jista' jkun ta' ċertu tħassib huwa l-fatt illi mad-daqqa t'għajn, kif issollevat id-difiża, l-parti offiża inizjalment innega l-eżistenza ta' dawn il-messaġġi u stqarr illi ma kienx qed għaraf lix-xhud Emmanuel Balzan barra l-awla.

42. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sven Bonnici** (Kump. 139/2022, Maġistrat Dr. Rachel Montebello, deċiża 14/02/2024) ingħad is-segwenti:

> "Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib lill-akkużat ħati ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess. Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkunx intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...
>
> ... Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

> In materja ngħad illi:- « *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq irraġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[44]

43. Il-Qorti tħoss illi anke jekk possibilment il-parti offiża kien ekonomiku bil-verita' meta ġie biex jixhed fuq dak li għadda bejnu u bejn Emmanuel Balzan, madanakollu hija m'għandiex għalfejn tiddubbita l-iktar punti saljenti fix-xhieda tiegħu ossia' dak li kien verament seħħ fid-data, ħin u lok indikati fiċ-ċitazzjoni. Id-difiża pruvat, mingħajr suċċess fil-fehma tal-Qorti, timmina l-kredibilta' ukoll tal-istess parti offiża meta ssuġġeritlu fil-kontroeżami tiegħu (i) li huwa kien qal lil ommu li dakinhar tal-akkadut hu kien mar jieħu kafe u li sussegwentement ġie attakkat minn min mar jieħu kafe miegħu, u li (ii) meta xehed in eżami huwa kien qal illi l-inċident seħħ wara li mar jieħu l-kafe u mhux, kif sussegwentement qal lill-espert tal-Qorti Dr. Edward Cherubino, qabel waqt li kien fi triqtu sabiex imur jieħu l-kafe. Fil-verita' jirriżulta lill-Qorti illi l-parti offiża qatt ma kien xehed illi l-inċident kien seħħ fi triqtu lejn il-*cafeteria*, iżda filfatt dejjem kien konsistenti fuq il-fatt li dan seħħ wara li kien mar jieħu kafe filwaqt li kien fi triqtu lura. Fir-rigward ta' dak li allegatament kien spjega lill-ommu li kien ġara, huwa minnu li din xehdet illi *"he got attacked by the person he went for a coffee with"* iżda l-parti offiża kien ċar u enfatiku illi l-verżjoni korretta kienet dik tiegħu u mhux dik li qalet ommu. Il-Qorti ma tarax għalfejn fuq din it-tema, għandha tistrieħ fuq ix-xhieda tad-*detto del detto* minflok fuq dik tal-persuna li kellha parti diretta fl-allegat inċident, li għajr għall-istadju inizjali eżattament wara l-akkadut (iktar dwar dan fil-paragrafu sussegwenti), dejjem kien konsistenti fuq dak li kien seħħ..

44. Dwar dak li seħħ eżattament fl-inċident mertu tal-każ, il-parti offiża inizjalment u ċioe immedjatament wara li safa aggredit, qal lill-ommu u lill-Pulizija illi huwa kien żelaq fiċ-ċinga tal-kelb u ħabat sidru mal-bankina. Kien fil-ġranet ta' wara, meta skopra l-estent tal-feriti li sofra, li ammetta dak li kien verament ġralu ma ommu u

---

[44] **<u>Il-Pulizija v. Clifford Bugeja</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 05/12/2019)

ma min kien qed jikkurah. Dwar ir-raġuni 'l għala fl-istadju inizjali huwa ta verżjoni falza, huwa xehed illi dan kien minħabba li kien beżgħan jgħid il-verita'. L-Ispettur Colin Sheldon li ħa dikjarazzjoni mingħandu għal darba darbtejn wara li biddel il-verżjoni, liema dikjarazzjonijiet kienu lkoll jaqblu ma' xulxin, xehed illi skond ma ddikjara miegħu l-parti offiża, huwa beża jgħid il-verita' minħabba li huwa *gay.* Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti l-parti offiża kien konsistenti meta qal illi huwa kien miexi lura d-dar, wara li mar jieħu kafe, meta faċċata tal-Isptar Capua, fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Tas-Sliema, huwa sema' lil xi ħadd jgħajjatlu u meta dar sab lill-imputat ma' wiċċu li ġera lejh u beda jtiħ bis-sieq b'dan li mbuttah mal-art fejn imbagħad kompla jtiħ bis-sieq sakemm kien hemm xi ħadd li inzerta li kien għaddej li waqqaf lill-imputat.

45. L-espert maħtur fl-inkjesta dwar l-*in genere,* Dr. Mario Scerri, xehed ukoll illi l-feriti kkawżati lill-parti offiża kienu b'riżultat ta' *blunt trauma*.

46. Il-Qorti tqis illi m'hemmx raġunijiet 'l għala hija m'għandiex temmen lill-parti offiża dwar dak li verament seħħ, tenut kont il-prova indiretta u indizjarja tal-feriti li ġarrab b'kawża ta' *blunt trauma,* li inċidentalment ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni ulterjuri għalihom fil-kors tal-kawża. F'dan ir-rigward jingħad ukoll għal kull bwon fini li meta fl-istqarrija tiegħu ġie ssuġġerit lill-imputat mill-Ispettur Colin Sheldon illi fl-10 ta' Jannar 2020 kienet qiegħed fi Triq Ġorġ Borġ Olivier, Tas-Sliema għall-ħabta tas-6pm, li segwa lill-parti offiża u li aggredih, l-imputat wieġeb biss illi ma kien jiftakar xejn dwar dan. Meta imbagħad ġie ssuġġerit lilu li kellu kwistjoni miegħu rigward droga, l-imputat wieġeb li "*le, dakinhar żgur li ma kienx il-każ*"[45]

47. Finalment dwar il-*mens rea* meħtieġ għall-fini tal-ewwel imputazzjoni, il-Professur Anthony J. Mamo fin-*Notes on Criminal Law (Second Year)*[46] jgħid:

> "The fact that the law in defining this crime merely excludes the specific intent of wilful homicide, and does not mention, positively, any other criminal intent, does not mean that an intent is not necessary. Bodily harm caused unintentionally may be either purely accidental and, therefore, not criminally punishable at all or merely negligent and, therefore, punishable as involuntary. To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the '*animus nocendi*', the generic intent to

---

[45] Fol 53-55
[46] Revamped by Christopher Aquilina (2022), p. 276

cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted."

48. Ftit hemm dubbju għall-Qorti illi filwaqt li l-imputat mhux bilfors kellu l-intenzjoni li jikkawża lill-parti offiża l-ġrieħi gravi li ġarrab, id-daqqiet ripetuti li tah huma indikattivi tal-intenzjoni li kellu li jweġġgħu.

49. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia l-aggravanti kontemplata fl-Art. 83B, dan l-artikolu tal-liġi jgħid hekk:

**'83B. Il-piena stabbilita dwar xi reat għandha tiżdied minn grad sa żewġ gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat, għal kollox jew b'mod parzjali b'mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni, fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, età, diżabilità, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra fi ħdan it-tifsira mogħtija fis-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A:**

**Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx jgħoddu meta l-aggravju tal-piena fir-rigward tal-motivi msemmija f'dan l-artikolu jkun diġà previst f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra.'**

50. Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'din l-imputazzjoni tenut kont il-fatt illi l-parti offiża huwa omosesswali u jallega li l-attakk li sofra mill-imputat kien wieħed omofobiku. Skond il-parti offiża huwa allegatament kien ra lill-imputat fuq il-Grindr (applikazzjoni li tuża *social media* fuq it-telefon ċellulari u li hija popolari fost il-kommunita' *gay* internazzjonalment) u dan kien qallu illi kien hemm peress illi kien kurjuż. Sussegwentement l-imputat heddu biex ma jgħid lil ħadd u wara ftit ħin daħal fuq il-*Facebook* u talbu jiltaqa' miegħu. F'dan l-inkontru, li seħħ fil-bidu ta' Jannar 2020 skond il-parti offiża, huwa kien safa attakkat fil-vettura tiegħu iżda ma kienx intavola rapport dwaru lill-Pulizija. Inċidentalment anke dwar dan l-inċident, fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid li ma jiftakarx li dan kien seħħ.

51. Id-difiża ressqet lix-xhud Emmanuel Balzan (persuna li huwa ukoll omosesswali) li min-naħa tiegħu xehed u ta eżempji dwar kif fil-fehma tiegħu l-imputat mhux talli ma jaborixx lil min huwa omosesswali iżda, għall-kuntrarju, għandu rispett sħiħ lejhom tant illi ma ddejjaqx jagħmel żmien jgħix miegħu d-dar meta ried jaqta' miċ-ċirku ta' ħbieb li kellu.

52. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-Artiklu 222A tal-Kap. 9 li jiddisponi kif ġej:

**'222A. (3) Reat ikun aggravat jew motivat fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, età, diżabilità, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jekk:**

**(a) fil-waqt li fih isir ir-reat, jew minnufih qabel l-għemil tar-reat, il-ħati juri lejn il-vittma tar-reat ostilità, stmerrija jew disprezz li tkun ibbażata fuq il-fatt li l-vittma tkun tappartjeni (jew preżunta li tappartjeni) għal grupp ta' persuni, li juru l-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, età, diżabilità, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra; jew**

**(b) ir-reat ikun motivat, għal kollox jew b'mod parzjali, minn ostilità, stmerrija jew disprezz lejn grupp ta' persuni kif imsemmi fil-paragrafu (a).'**

53. Il-Qorti tqis illi l-intenzjoni rikjesta mill-leġislatur għall-fini ta' din iċ-ċirkustanza aggravanti hija waħda ferm speċifika u tirrikjedi mhux biss prova illi fil-waqt li sar ir-reat jew immedjatament qabel, l-imputat wera ostilita' stmerrija jew disprezz lejn il-parti offiża minħabba l-orjentazzjoni sesswali tiegħu, iżda inoltre prova ukoll illi r-reat innifsu kien motivat, imqar *in parte*, minn ostilita', stmerrija jew disprezz lejn il-komunita' *gay.*

54. Anke li kieku l-Qorti kellha tistrieħ fuq il-verżjoni li ta l-parti offiża, ma jidhrilix illi din waħedha tikkostitwixxi prova ta' din l-intenzjoni speċifika. Jekk xejn, dak li qal il-parti offiża, jekk jiġi emmnut, jindika illi l-imputat wettaq l-attakk għaliex beża li dan jikxfu dwar il-fatt li kien qiegħed fuq il-Grindr jew dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu. Din ma tfissirx b'daqshekk illi l-imputat wera ostilità, stmerrija jew disprezz lejn il-parti offiża minħabba li huwa omosesswali, iżda jekk xejn turi mistħija dwar tali orjentament sesswali.

55. F'dan ir-rigward il-Qorti għalhekk taqbel fis-sħiħ ma dak li, f'sens ta' lealta' lejn il-ġustizzja sħiħa u l-verita', stqarr l-Ispettur Colin Sheldon fit-trattazzjoni finali tiegħu fis-sens illi din it-tieni imputazzjoni ma tirriżultax li ġiet ippruvata.

**Kunsiderazzjoni dwar ir-reċidività u dwar il-piena**

56. Mill-atti esebiti u mix-xhieda ta' **Stephania Calafato Testa**[47] għan-nom tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, jirriżulta minimament illi: (i) **fl-24 ta' Settembru 2014** l-imputat kien ġie misjub ħati minn din il-Qorti diversement presjeduta fost oħrajn tar-reati ta' serq aggravat bil-ħin, tal-kummissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' *probation* u ordni ta' servizz fil-komunita', u tal-ksur ta' kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preċedentement, meta dakinhar ingħata ordni ta' *probation* għal tlett snin u ġie ikkundannat iħallas *ammenda* ta' € 55 (li tħallset), li (ii) fl-**20 ta' Mejju 2015** instab ħati minn din il-Qorti diversement presjeduta fost oħrajn tar-reati ta' serq aggravat bil-valur u bil-lok u ta' ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' sentenza mogħtija preċedentement, meta dakinhar ingħata sentenza ta' sena priġunerija, u li (iii) fil-**31 ta' Lulju 2017** instab ħati minn din il-Qorti diversement presjeduta fost oħrajn tar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur u ngħata ordni ta' *probation* għal tlett snin. Dawn it-tlett sentenzi ma ġewx appellati

57. Jirriżulta għalhekk illi l-imputat huwa reċidiv għall-fini tal-Art. 49(1) tal-Kap. 9. Fir-rigward taż-żieda fil-piena minħabba r-reċidivita', l-Art. 50 jipprovdi illi:

> **'50. Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.'**

58. In vista tas-sentenza ta' priġunerija li ngħatat fil-konfront tal-imputat fl-20 ta' Mejju 2015, il-Qorti **tista'** għalhekk titratta mal-imputat bħala reċidiv u iżżid il-piena applikabbli bi grad peress illi ma laħqux għaddew ħames snin minn meta huwa skonta dik is-sentenza sakemm wettaq ir-reat addebitat lilu.

59. Fit-trattazzjoni finali, l-abbli avukat difensur mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tad-difiża dwar li l-imputat għandu jiġi liberat minn kull akkuża, saħaq illi jkun aktar xieraq fiċ-ċirkustanzi (fosthom li l-imputat qiegħed jiskonta piena karċerarja – f'liema rigward inċidentalment ma ġiet esebita l-ebda prova għall-fini tar-reċidiva) illi l-imputat jingħata ordni ta' *probation* minflok piena karċerarja effettiva.

[47] Fol 94A-B

60. Il-Qorti fliet is-sentenzi li ngħataw kontra l-imputat u l-fedina penali tiegħu. Jirriżultalha illi f'tal-inqas tlett okkażjonijiet separati (sentenzi tat-3 ta' Settembru 2013, 24 ta' Settembru 2014 u 31 ta' Lulju 2017) l-imputat ingħata opportunita mill-Qrati tagħna li minflok ma imponiet piena karċerarja, tatu ċ-ċans li jirrijabilita ruħu permezz ta' tlett ordnijiet separati ta' *probation* (u f'żewġ okkażjonijiet, ingħata ukoll ordni ta' servizz fil-komunita'. Fis-sentenza tal-31 ta' Lulju 2017 il-Qorti kienet tenniet fost affarijiet oħra illi l-imputat *"fi żmien tar-reati kien għadu minuri ... sab ċertu stablita' f'ħajtu ... u għandu jingħata opportunita' oħra (billi) jitqiegħed taħt ordni ta' probation sabiex ikompli jkollu gwida ħalli ma jerġax jaqbad it-triq il-ħażina".* Fis-sentenza li ngħatat kważi tlett snin qabel, ossia fl-24 ta' Settembru 2014, il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Il-Qorti hija tal-fehma illi fil-waqt li certament ghad hemm xoghol x'isir da parti tal-imputati biex ikomplu jtejjbu l-attitudni taghhom u l-imgieba taghhom fis-socjeta`, apparti fir-rigward tal-abbuz taghhom minn sustanzi lleciti, jidhrilha wkoll illi in vista tal-eta` tenera taghhom, in vista wkoll tal-fatt illi sabu mpjieg u jidher li qed izommuh u anke tal-feedback pozittiv moghti fir-rigward taghhom mir-rapprezentant tal-Agenzija Appogg, il-fatt ukoll illi jidher li ghandhom is- support tal-genituri taghhom li l-Qorti tinnota li kienu kemm il-darba prezenti ghas-seduti mizmuma quddiemha, piena karcerarja effettiva ma tkunx piena idonea ghaliex tali piena taf iggib fix-xejn ix-xoghol kollu li sar maghhom sal-lum, apparti illi taf ittellfilhom l-impjieg taghhom u terga' titfaghhom lura al punto di partenza.
>
> B'dan il-Qorti certament m'hijiex qeghda tnaqqas mill-gravita` tar-reat li huma kkommettew, izjed u izjed meta dan gie kommess fil-perjodu operattiv tal-Ordni tal-Probation li huma nghataw dwar reati simili u **l-Qorti qeghda taghmilha cara illi l-imputati ghandhom jifhmu illi m'humiex ser ikomplu jirriskontraw hniena mill-Qrati kemm il-darba l-agir taghhom jippersisti** (sottolinear u enfażi ta' din il-Qorti). Biss f'dan il-punt, fejn jidher li qed jaghmlu sforz sabiex itejjbu l-posizzjoni taghhom u baqghu b'mod regolari jattendu ghas-sessjonijiet mar-rapprezentant tal-Agenzija Appogg, liema sessjonijiet jidher li qed ikollhom ezitu pozittiv, il-Qorti jidhrilha li ma jkun ta beneficcju ghal hadd, lanqas ghas-socjeta` li maghha jridu jhallsu tal-agir taghhom, illi l-imputati jinghataw piena karcerarja effettiva bil-possibilita` li minflok jaghrfu jkomplu jimxu fit-triq it-tajba, jkomplu f'hajja ta' kriminalita` u delinkwenza li zgur m'hija ser twassalhom imkien ghajr ghal izjed problemi."

Imbagħad fis-sentenza tal-20 ta' Mejju 2015 il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Dwar il-piena, qieset illi sar hafna diskors ta' possibbli rizarciment;

Qieset ukoll illi dan il-guvnott f'temp ta' sena (1) gia' kkommetta zewg (2) serqiet, dan meta hu suppost ha vantagg mill-opportunita' lilu moghtija minn din il-Qorti meta taghtu l-beneficcju ta' Ordni ta' Probation biex tghinu, mhux biex ikun barra u jerga', issa ghat-tielet darba, jikkommetti serqa ohra. Dan kollu qed jinghad meta wiehed iqis ukoll l-eta' tenera li hu fiha gia' beda fit-triq tal-kriminalita', hajja li donnha tant toghgbu li ma jridx johrog minnha hlief meta l-Qorti tkun waslet biex taghtih sentenza. Dan frankament ftit f'mohh din il-Qorti jispira xi voglia ta' progress sincier minn naha ta' Kurt Amato, ghalhekk din il-Qorti tqies illi l-piena idonea ghandha tkun dik ta' habs effettiv."

61. Il-Qorti tħoss li jkun idoneju li tagħmel riferenza ukoll għas-sentenzi li ġew kwotati minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Esposito** (Kump. 545/2019, Maġistrat Donatella Frendo Dimech - deċiża 16/12/2020) fejn intqal is-segwenti:

"Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [48]

«*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[49]

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……*

---

[48] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[49] **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*[50]

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..»*

Imbghad kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[51]

*« bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika »*

62. Il-Qorti tħoss illi l-aġir tal-imputat huwa riflessjoni ta' persuna li ta bis-sieq id-diversi opportunitajiet li ġie mogħti matul iż-żminijiet mill-Qorti u li wera ruħu inkapaċi li jitgħallem mill-passat tiegħu. Tali aġir huwa wieħed inaċċettabbli u ma jistax jiġi ttollerat f'soċjetà ċivilizzata.

63. Għalhekk fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis illi bl-applikazzjoni ta' żieda fi grad taħt l-Art. 50 tal-Kap. 9, piena karċerarja ta' tmintax-il xahar tkun waħda ġusta u tilħaq bilanċ ekwu bejn l-interessi tal-imputat u tas-soċjetà in ġenerali.

**Deċiżjoni**

64. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi (Kap. 9 Art. 31, 49, 50, 214, 216(1)(a)(i), 216(1)(a)(ii), 216(1)(d), 382A u 533) issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni limitatament għall-offiża gravi fuq il-persuna ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras u tikkundannah piena karċerarja effettiva ta' tmintax-il xahar. Il-Qorti qed toħroġ ukoll Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 kontra l-imputat a favur Perrie Daniel Amarni Sciberras ("il-persuna protetta") għall-perjodu ta' tlett snin minn mindu jiskonta s-sentenza, b'dan**

---

[50] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.
[51] Per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

**illi l-imputat qed jiġi pprojbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna protetta, jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuna protetta jgħix, jaħdem jew jiffrekwenta jew jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuna protetta. Il-Qorti spjegat lill-imputat li jekk mingħajr skuża raġonevoli jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jista jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Il-Qorti tordna li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija. Finalment il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex ai termini tal-Art. 533 tal-Kap. 9 iħallas lir-Reġistratur is-somma ta' ħames mija tmienja u tmenin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€ 588.86) rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Dr. Edward Cherubino maħtur mill-Qorti ammontanti għal € 305.66 u mal-ħatra tal-espert Dr. Mario Scerri maħtur fl-inkjesta dwar l-*in genere* ammontanti għas-somma ta' € 283.20, entro ħames (5) xhur mil-lum.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur